Minuti tal-Laqgħa Nru. 6 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Il-Gżira li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 283/1, Triq d' Argens, Il-Gżira, nhar it-Tlieta, 25 t' Awwissu 2015 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. Conrad Borg Manche |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Ralph Mangion |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Wayne Hewitt<br>Is-Sur. Joe Galea<br>Is-Sra. Graziella Schembri<br>Is-Sur. Neville Chetcuti<br>Is-Sur. Jeremy Cardona |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |
| Preżenti wkoll | Is-Sur. Fabian Borg |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Progress
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
6. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Fuq punt 3.26 il-Kunsillier Cardona semma li din kellha tkun rappreżentant.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MIL-MINUTI

**Bilboards**

2.1 Fuq il-bilboards is-Sindku semma li huwa kien kellem lill-avukat. Il-Kunsillier Chetcuti semma li huwa kien kellem lill-Perit tat-Transport Malta kif ukoll uffiċċjali oħra inkarigati biex jara xi drittijiet għandu l-Kunsill Lokali. Is-Segretarju semma li huwa kien għamel enforcement notice mal-MEPA fuq dan il-każ.

2.2 Il-Kunsillier Hewitt semma li jekk il-Kunsill ikollu provi meta dawn saru u jtella dan l-individwu l-Qorti jista jieħu kumpens lura li jmur lura għall meta jkun hemm il-prova li dawn saru.

**Permessi**

2.3 Fuq il-permessi tal-kostruzzjoni s-Sindku semma li l-aħjar ikun hemm guidelines għall applikanti xi jridu jippreżentaw meta jiġu jagħmlu permess. Minn ma jkunx skont il-guidelines jingħata multa.

2.4 Is-Sindku ppropona biex ikun hemm ingaġġat persuna bħala safety officer li tkun iddur mal-inħawi u jkollha setgħa timmulta n-nies. Għall dan il-każ irid ikun hemm tender.

2.5 Il-Kunsillier Chetcuti qal li l-wardens qed ikunu problematiċi fejn għandu x' jaqsam is-sorveljanza. Is-Sindku qal li trid issir Bye Law fuq dan il-kuntest biex il-Kunsill ikun jista jirregola.

## 3.0 KORRISPONDENZA

### Crane fi Triq Reid

3.1 Is-Sindku semma li fuq il-crane ta Reid Street li kellu jittella aktar il-quddiem il-Perit tal-kuntrattur kien qal li jekk Transport Malta ma ssibx oġġezzjoni fuq ix-xogħol dan jista jaħdem. Is-Sindku ċempel lill-Perit tal-Kunsill fejn dan infurmah li huwa kien kellem lil dan il-kuntrattur u dan qallu li għadu qed jistenna risposta fuq jekk jistax issib crane iżgħar.

### Kunċert Annwali u Ħarġa tal-Anzjani

3.2 Is-Sindku semma li fuq il-kunċert annwali l-Kappillan kien qed jitlob € 350 biex jitwaħħlu pavaljun, żewġ bandalori u fustun. Is-Sindku qal li l-kunċert kien batut mid-dawl u għalhekk inġiebu tlett kwotazzjonijiet fejn l-aħjar waħda kienet tiswa € 560 imma jsir trus li dan huwa aħjar.

3.3 Il-Kunsillier Galea semma li għas sena d-dieħla jingħataw ammont fiss u jieħdu ħsieb l-arranġamenti huma. Is-Sindku semma li dawn suppost bagħatu inviti għall okkażżjoni imma ma sar xejn minn dan.

3.4 Il-Kunsilliera Schembri qalet li suppost kien hemm persuna minn naħa tal-Kunsill li kienet qed tieħu ħsieb l-organiżazzjoni ssir kif suppost. Is-Sur. Borg qal li huwa minn naħa tiegħu kien qed jieħu ħsieb diversi affarijiet imma dan l-aħħar il-pressure kienet kibret sew.

3.5 Il-Kunsillier Hewitt semma li fil-Kunsill li kien hemm qabel dawn kienu jippromwovuha. Huwa qal li kien sema diskors li għax issa m' hemmx ċertu persuni mill-Kunsill involuti fiha issa naqas l-interess. Il-Kunsillier Hewitt qal li l-problema qed tkun li qed napprovaw fondi u ma nafux kemm għandu budget il-Kunsill.

3.6 Is-Sur. Borg qal li nistgħu nkellmu lil-Onor. Dr. Stefan Buontempo forsi jkun hemm rimbors tal-fondi fuq attivitajiet kulturali.

3.7 Il-Kunsillier Galea tkellem fuq il-ħarġa tal-anzjani fejn semma li kien hemm xi misunderstanding minn persuna peress li fid-data li kienet ippjanata kien hemm attivita oħra, għalkemm dan kien infurmat minn qabel. Huwa qal li din il-ħarġa kienet ippjanata minn ferm qabel u dan kien spjegat anki skont il-minuti tal-laqgħa tas-Sotto Kumitat. Hawn kien diskuss biex il-ħarġa issir fit-28 u l-kunċert ġurnata wara.

### Ħamiem

3.8 Il-Viċi Sindku semma li huwa kellu ritratt fejn kien hemm Jimmy qed jitma l-ħamiem ix-xatt. Huwa saqsa lis-Sindku jekk dan nistgħux inkellmuh.

3.9 Is-Sindku saqsa lill-kunsillier Hewitt jekk kienx kellem lil tal-falkuni jew inkella ittih dettalji tiegħu biex jagħmel kuntatt miegħu.

**Traffic Management**

3.10 Il-Kunsillier Chetcuti qal li hemm bżonn li tal-funerali jkollhom tabella biex dawn jkunu jistgħu jżommu l-karrijiet ipparkjati waqt li jkun hemm funeral. Is-Sindku qal biex inkellmu l-Kappillan biex jieħu ħsiebhom.

3.11 Il-Viċi Sindku semma li għandna nkellmu lil Transport Malta fuq tabelli ta time zone li dawn kienu inqalgħu sabiex jerġgħu jwaħħluhom.

**Amministrazzjoni**

3.12 Il-Kunsillier Hewitt semma li fejn hemm it-tenders l-antiki l-Kunsill għandu jara biex dawn jerġgħu jinħarġu mill-ġdid. Is-Sindku qallu li fil-każ tal-knies jaqbel nistennew lil Cleansing f' każ jekk il-knies immur lura għand id-Dipartiment.

**Tindif**

3.13 Is-Sindku semma li huwa kienet ġietu l-idea biex jkejjel it-toroq li hemm fil-Gżira u jaħdem il-kilometraġġ u fuqhom ikellem lill-kennies fuq x' qed jistenna l-Kunsill minnu. Wara li dan ikellmu u jibqa jsir ix-xogħol jibgħat lil Alex biex jara dan x' ikun għamel.

3.14 Il-Viċi Sindku qal li l-ħaddiema li hemm mal-kennies mhux tal-affari tagħhom. Is-Sindku semma li l-aħjar għall Kunsill jekk dan jerġa jkun devolved mal-Cleansing Directorate.

3.15 Il-Kunsillier Hewitt reġa talab biex jara l-Kuntratt tal-kennies. Is-Segretarju qallu li huwa se jlestih għall laqgħa li ġejja.

3.16 Il-Kunsillier Cardona semma li Tas-Sliema kienu kellmu lin-negozji fejn qalulhom biex inaddfu l-area tal-madwar.

3.17 Il-Kunsillier Chetcuti issuġġerrixxa biex inkellmu n-negozji l-kbar sabiex dawn jkunu jistgħu jisponsarjaw bins għall lokalita.

3.18 Is-Sindku ressaq kwotazzjonijiet fuq it-tindif tal-water culverts mill-kuntrattur li jagħmel ix-xogħol tal-knies fil-lokalita. Il-Kunsilliera talbu biex jinġiebu kwotazzjonijiet oħrajn peress li din kienet għolja.

**Attivita ġewwa x-Xatt**

3.19 Il-Kunsillier Galea semma li kien se jkun hemm attivita ta kick boxing fix-Xatt u saqsa jekk il-Kunsill kienx jaf biha. Is-Sindku semma li huwa kien se jitkellem fuq din l-attivita.

**Xogħolijiet u lmenti**

3.20 Is-Sindku ressaq talba mill-kuntrattur li kien qed jaħdem fuq il-post fejn kien ġara l-inċident riċenti fejn wieħed tilef ħajtu sabiex fil-post isir ħajt. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

3.21 Is-Sindku ressaq korrispondenza fuq rampa li saret quddiem il-BOV peress li din kienet perikoluża. Il-Kunsilliera ma qablux ma din ir-rampa u talbu sabiex din titneħħa.

3.22 Is-Sindku semma li kien qed isir studja dwar kif ġej il-proġett tax-Xatt. Il-Kunsillier Galea qal biex nitolbu għall pjanti biex il-Kunsill ikollu aktar informazzjoni u jkun jista jitkellem.

3.23 Il-Kunsilliera Cardona u Chetcuti qallu li kien hemm blog fuq is-site ta Daphne Caruana Galizia fejn kienet qed tikkritika l-għadira li hemm fejn kien hemm il-Hertz minħabba l-ilma u n-nemus li kien qed jinġabar. Is-Sindku qal li se jieħu passi biex jitneħħa dan l-ilma.

## 4.0 PROGRESS

**Ħaddiema tal-Kunsill**

4.1 Il-Kunsillier Galea saqsa kif konna bqajna fuq is-sitwazzjoni ta Marion u Jurgen. Is-Segretarju appella biex inkellmu lid-Direttur issa mill-mod ta' kif ġiet is-sitwazzjoni. Huwa qal li fuq il-każ ta Jurgen hemm soluzzjoni.

**Dawl Fawwara Gate**

4.2 Il-Kunsillier Hewitt saqsa kif konna bqajna fuq id-dawl li kellu jsir fejn Fawwara Gate. Is-Sur. Borg qal li tal-BMW kienu għadhom qed jistennew it-tieni kwotazzjoni peress li l-ewwel waħda kien hemm xi problema teknika.

**Vettura tal-Kunsill**

4.3 Il-Kunsillier Chetcuti semma li l-karozza suppost kienet diġa inkriet. Is-Segretarju semma li kien hemm kollox lest u kemm jinħareġ it-tender.

**U-Bars, Bye-Laws u DNO**

4.4 Is-Sindku semma li huwa kien tkellem ma persuna li għamlet il-U-Bars bir-reklami li qallu li importanti li l-Kunsill ikollu persuna li jieħu ħsieb ir-reklamar tagħhom għax inkella dawn jistgħu ma jinbiegħux.Il-Kunsilliera issuġġerew biex l-ewwel ikun hemm expression of interest u minn hemm nimxu biex isir tender wara.

**Proġett tal-Bandli**

4.5 Fuq il-Bandli s-Segretarju semma li kien hemm email minn naħa tal-Perit tal-Kunsill fejn huwa ta xi informazzjoni fuq xi ċertifikazzjonijiet lill-MEPA u b' hekk seta jitkompla l-proċess biex tinġieb l-applikazzjoni tal-UIF. Il-MEPA qalet li lejn l-aħħar ta' Settembru kienet se tagħti risposta.

4.6 Il-Kunsillier Hewitt saqsa meta kien se jinħareġ it-tender fuq il-Bandli. Is-Segretarju qal li dan jista jinħareġ lejn l-aħħar ta' Settembru.

4.7 Is-Sindku ippreżenta statement fuq il-fondi tal-UIF li kien hemm allokatti għall Kunsill li jammonta madwar € 652,000.

## 5 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

5.1 Is-Sindku semma li kien qed issir il-pagament fuq sett tal-boċċi li kienu inxtrax mill-Club tal-Boċċi f' attivita mneddija mill-Kunsill Lokali.

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 25 t' Awwissu 2015 fit-8.05 pm. Kien hemm il-ġurnata tat-Tlieta 15 ta' Settembru 2015 proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum _______________________ 2015.

_____________________ _____________________

Conrad Borg Manché
Sindku

Michael Portelli
Aġent Segretarju Eżekuttiv